Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 69/2011

**Raymond Farrugia (appellant)**

**Vs**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni (appellat)**

16 ta' Marzu, 2018.

1. Fit-28 ta' Frar, 2011 ir-rikorrent ipprezenta rikors fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fir-rigward ta' rifjut ta' oggezzjoni tal-intimat b'riferenza ghas-sena ta' stima 2001. Fir-rikors ippremetta li l-intimat kien talbu dokumenti, li r-rikorrent isostni li ma setax jipprezenta ghaliex id-dokumenti tan-negozju kienu fir-residenza tieghu u dawn inharqu. Madankollu l-intimat baqa' jippersisti fit-talba tieghu. Ir-rikorrent ilmenta li:

   i. Id-decizjoni tal-intimat mhijiex motivata u ghaldaqstant hi nulla;
   ii. Ir-rikorrent jinsab fl-impossibilta' li jiddefendi ruhu mill-allegazzjoni gratuwita tal-intimat. Gialadarba l-intimat jaf li r-rikorrent jinsab fl-impossibilta' li jipprezenta d-dokumenti tan-negozju, it-talba tieghu hi illegali u illogika.

2. B'sentenza tat-18 ta' Mejju, 2015 it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva cahad l-appell mill-likwidazzjoni ta' taxxa ghas-sena ta' stima 2001.

3. B'rikors prezentat fil-5 ta' Gunju, 2015 ir-rikorrent appella mis-sentenza. L-aggravji huma li t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva:

   i. ghamel applikazzjoni zbaljata tal-ligi meta cahad l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant li kien fis-sens li d-decizjoni mpunjata ma kinitx tirrispetta l-principji tal-gustizzja naturali;
   ii. ghamel applikazzjoni hazina tal-ligi in kwantu cahad it-tieni aggravju sollevat mill-appellant kif ukoll ghamel applikazzjoni hazin tal-ligi ghal dak li jirrigwarda l-piz u l-oneru tal-prova;
   iii. ghamel applikazzjoni hazina tal-ligi meta ddikjara illi *"kemm-il darba kellu jordna r-revizjoni 'l isfel tal-likwidazzjoni tat-Taxxi mertu ta' dawn il-proceduri jkun qed jagixxi ultra petita"*;

4. Il-qorti semghet it-trattazzjoni u qrat l-atti.

5. **Fatti.**

- Il-kaz jikkoncerna t-taxxa dovuta mir-rikorrent ghas-sena stima 2001. Jirrizulta li ghal dik is-sena ma ddikjara l-ebda dhul. Ghas-sena ta' stima 2000 kien ipprezenta formola ta' taxxa fejn iddikjara li l-profitt nett kien Lm2459.50 min-negozju ta' *stone quarry operations*. Ghas-sena stima 2002 ipprezenta formola ta' taxxa fejn iddikjara li l-profitt nett kien Lm3,424.
- Fit-23 ta' Gunju, 2009 ir-rikorrent ipprezenta l-formola tat-taxxa ghas-sena stima 2001 kollha maqtugha.
- B'avviz ta' likwidazzjoni datat 6 ta' Frar, 2010 l-intimat gharraf lir-rikorrent li l-ammont ta' taxxa fuq l-income li ghandu jhallas ghas-sena ta' stima 2001 kien jammonta ghas-somma ta' €4,884. Skont l-istima li aghmel l-intimat, min-negozju r-rikorrent kellu dhul ta' Lm11,420. Il-kalkoli li aghmel l-intimat jidhru fid-dokument a fol. 40; Lm17,034 depoziti bankarji u Lm2,000 dhul fi flus kontanti. Il-qliegh qabel it-taxxa hu 60%, cjoe Lm11,420.
- Ir-rikorrent ta avviz ta' oggezzjoni u talab lill-intimat biex jirrevedi l-likwidazzjoni. Fl-ittra datata 12 ta' Marzu, 2010 spjega li kien hemm nirien fid-dar tieghu li fih inharqu d-dokumenti kollha; *"As a result of the above, I'm unable to prove that the deposits, I had during year of assessment 2001, were received on a/c. I had just started business on my account and started to collect deposits in advance of delivery of work. Moreover I am unable to prove the expenses incurred during year of assessment 2001, as a result of the total destruction by fire"*. Ir-rikorrent iddikjara li l-ammont dovut bhala taxxa ghas-sena stima 2001 kien 'Lm0' (ara Dok. B a fol. 15).
- Jirrizulta li fil-25 ta' Jannar 2006 ir-rikorrent kien ghamel rapport fl-ghassa tal-pulizija taz-Zurrieq li fl-24 ta' Jannar, 2006 sehh incendju fil-fond 59, Triq Valletta, Mqabba. Fir-rapport jinghad li *"il-kcina u salott li jinsabu isfel garrbu hsarat kbar, pero ma jidhirx li hemm hsarat strutturali"* (fol.18). Il-hsarat estensivi jidhru fir-ritratti a fol. 37.
- Fis-17 ta' Jannar, 2011 inhareg avviz ta' likwidazzjoni (rifjut) fejn l-intimat rega' ddikjara li t-taxxa dovuta hi €4,884.
- L-intimat baghat avviz datat 24 ta' Jannar 2011 lir-rikorrent, fejn infurmah li l-oggezzjoni tieghu giet michuda peress li ***"Inti nqast milli tiddikjara d-dhul kollu tieghek matul is-sena ta' stima 2001"*.**

6. Kuntrarjament ghal dak li jsostni r-rikorrent, id-decizjoni tal-intimat hi motivata. Fl-avviz ta' rifjut datat 24 ta' Jannar 2001 infurmah li l-oggezzjoni giet michuda ghaliex ma ddikjarax id-dhul tieghu matul is-sena stima 2001. Dan apparti li mill-atti jirrizulta li ntbaghatu diversi avvizi lir-rikorrent sabiex imur l-ufficcju tad-Dipartiment u jiehu dokumenti u wkoll biex jaghti spjegazzjoni tad-depoziti (ara fol. 117-134). Jidher li r-rikorrent ma kienx

qieghed jikkopera bis-shih (ara Dok. NP2 a fol. 139). Madankollu jidher li saru laqghat bejn ir-rikorrent u ufficjali tad-Dipartiment, tant hu hekk li f'ittra datata 11 ta' Novembru, 2010 (fol. 5) ir-rikorrent gie nfurmat:

> *"During the meetings held, you were asked to give an explanation for the deposits made in year 2000. In your letter of objection you stated that these deposits were payments made by clients in advance for work which was going to be delivered the year after. However from the deposits made in the year 2001 such explanation is not plausible since deposits made were in line with sales. Besides all this you were not in a position to submit trade books due to a fire accident which occurred in your house.*
>
> *During our last meeting you were asked whether you would like to adjust your income according to the department proposal however such proposal was not accepted by yourself".*

7. Minn din l-ittra hu car li r-rikorrent kien jaf x'kien ir-ragunament tal-intimat li wassl biex jichad l-oggezzjoni tar-rikorrent. Ghalhekk f'dan ir-rigward ukoll hu bla bazi l-ilment li l-avviz li nghata bl-ittra tal-24 ta' Jannar, 2011 ma fihx motivazzjoni. Ir-rikorrent altru milli kien jaf x'kienet ir-raguni ghalfejn l-intimat irrifjuta l-oggezzjoni. Fil-fehma tal-qorti li r-rikorrent jipparaguna d-decizjoni tal-intimat ma' sentenza ta' qorti hu ghal kollox barra minn postu.

8. Mhemmx dubju li 'l fatt li kellu incendju fid-dar ma kienx ifisser li r-rikorrent ma kellux dhul. Mill-formoli tat-taxxa li pprezenta lid-Dipartiment, hu evidenti li kull sena kien qieghed ikollu qliegh. Ghalhekk probabbilment li fis-sena stima 2001 (sena bazi 2000) kellu wkoll qliegh.

9. Ghal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju, gialadarba r-rikorrent aghzel li jiddikjara t-taxxa dovuta hi 'Lm0' (ara dokument a fol. 131), l-intimat ma kellux triq ohra ghajr li jaghmel stima tal-qliegh. Ibda biex in-nuqqas kien tal-appellant li ghal snin shah ma pprezentax il-formola tat-taxxa. Is-sena in kwistjoni hi 2000. L-incendju fid-dar tar-rikorrent kien fl-24 ta' Jannar 2006, cjoe hames snin wara. Ir-rikorrent, kieku ried, altru milli kellu bizzejjed zmien li jwettaq l-obbligu tieghu qabel l-imsemmi incident. Kif jidher li r-rikorrent ghamel il-formola tat-taxxa ghas-sena bazi 2003 fit-23 ta' Gunju, 2009 u ddikjara profitt nett ta' Lm3616 (fol. 85), il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn m'ghamilx l-istess ezercizzju fir-rigward tas-sena 2000.

10. Ir-rikorrent ipprezenta formola tat-taxxa ghas-sena bazi 2000 bla dikjarazzjoni fiha. Dikjarazzjoni li mhijiex korretta ghaliex f'dik is-sena kellu n-negozju tieghu u ghamel qliegh. Irrizulta li fis-sena 2000 kien iddepozita s-somma ta' Lm17,034 mal-HSBC. Hu ovvju li kien ir-rikorrent li kellu l-obbligu u d-dmir li jaghti spjegazzjoni kredibbli dwar dawk il-flus li ddepozita matul is-sena in ezami. Fir-rikors tal-appell qal li kieku ddikjara cifri fil-formola tat-taxxa tas-sena 2000, kien ifisser dikjarazzjoni falza. Il-qorti tistaqsi, igifieri fir-rigward

tas-sena bazi 2003 (fol. 85) ghamel dikjarazzjoni falza, ghaliex il-formola aghmilha fl-istess zmien meta suppost ma kellux dokumenti ?

11. L-ispjegazzjoni li nghatat mir-rikorrent fir-rigward tas-somma ta' Lm17,034 mhijiex konsistenti:

i. Neil Piccinino xehed li r-rikorrent kien qalilhom li d-depoziti kienu flus tas-sena precedenti (fol. 151); *"…. dan kien at assessment stage fil-bidu. Imbaghad wara at objection stage qal li dawn il-flus kienu jappartjenu ghal sena 'l quddiem"* (ara wkoll dok. NP2 a fol. 139). Meta r-rikorrent xehed ma nnegax li hekk qal lill-ufficjali tad-Dipartiment.

ii. Fl-istadju tal-oggezzjoni qal li kienu pagamenti li rcieva bil-quddiem ghas-sena 2001 (fol. 30 u 140).

iii. Fis-seduta tat-2 ta' Frar 2012 mitlub biex jaghti spjegazzjoni ta' x'kienu dawk id-depoziti, wiegeb: *"Il-kuntratturi jkunu tawni l-flus u jiena kont nitfaghhom ghal spejjez ta' diesel u hsarat etc. Imbaghad jehduhom bhala gebel u ghalhekk jigi bhala tpartit. Dan kien deher bhala dhul imma ma kienx dhul fil-fatt"*.

iv. Fil-kontro-ezami xehed, *"matul is-sena 2000 jiena fil-bank statement kont ghamilt depozitu ta' Lm17,034.* ***Dawn kienu inghataw lili b'self****, imbaghad jien kont hallastu lura f'forma ta' materjal. Jiena dan is-self kont hadtu minghand il-burdnara li kienu jigi ghandi dak iz-zmien. Il-flus kienu tawhomli tlieta min-nies differenti"*. L-ewwel persuna li qalet li l-flus depozitati fil-bank matul is-sena 2000 kienu self, kien Anator Baldacchino (fol. 167) li qal li kien jaghti servizz ta' accountancy lir-rikorrent. Verzjoni li mhijiex kompatibbli ma' dak li ddikjara r-rikorrent fl-ittra ta' oggezzjoni li baghat lill-intimata u datata 12 ta' Marzu, 2010 (fol. 6). Waqt l-istess kontro-ezami (seduta tat-22 ta' Ottubru, 2012) ir-rikorrent rega' biddel il-verzjoni u bil-mod kif wiegeb eskluda s-self:

> *"Magistrat: Le, pero', hu fil-mument li tak il-flus, dan mhux mort fuqu ghidtlu isma jien ghandi bzonn il-flus, tini mbaghad inhallsek lura.* ***Dan gie fuqek qallek jien ghandi bzonn tant vjaggi gebel. Allura inti kont titolbu deposit fuq il-vjegg ?***
>
> *Xhud: Ezatt"*.

12. Altru milli *"l-verzjoni moghtija mill-appellant kienet u baqghet wahda u cioe li d-depoziti fil-kont bankarju tieghu kienu flejjes moghtija lilu minn terzi sabiex hu jkun jista' jsostni l-operat"*, kif argumenta r-rikorrent fir-rikors tal-appell (fol. 4).

13. Ghall-qorti hu ovvju li f'dak ix-xenarju ta' verzjonijiet differenti it-Tribunal ighid li r-rikorrent mhuwiex kredibbli. Li jghid li *"jiena tajt verzjonijiet differenti*

*ghax ma kontx qed nifhem x'inhu jigri"*, mhi xejn ghajr skuza banali li ma titwemminx ukoll. Ir-rikorrent sa wasal biex ighid li l-hlas li rcieva, *"Kienu ser jigu bhala hlas qabel ghax* ***dawn ma kontx inhallihom id-dar*** ***peress li grali li grali"***. Pero' l-incident sehh fl-24 ta' Jannar 2006 u d-depoziti saru matul is-sena 2000. Ghalhekk id-depoziti fil-bank zgur li ma sarux minhabba l-incendju, ghaliex dan sehh hames snin wara.

14. F'kull kaz meta tqis il-generu ta' negozju, il-qliegh li ddikjara fis-sena 2001 u d-depoziti li ghamel matul dik is-sena, hu difficli temmen li l-flus li ddepozita mal-HSBC kienu *'in advance of delivery of work'*. Inoltre, ir-rikorrent ma ta l-ebda taghrif dwar:

    i. Kemm minnhom b'mod approssimattiv kienu flus li thallsu bhala depozitu;
    ii. It-tlett kuntratturi li suppost tawh flus bil-quddiem;
    iii. Ghalfejn dawk il-flus, ukoll jekk ghall-grazzja tal-argument jigi accettat li kien hlas bil-quddiem, ma kellhomx jigu kkunsidrati bhala qliegh ghas-sena 2000.

15. Il-qorti zzid li fl-ebda stadju ma jirrizulta li r-rikorrent ipprova jaghmel ezercizzju li jwassal ghal dikjarazzjoni ta' qliegh ghal dik is-sena. Il-qorti ma taqbilx li dan ma kienx possibbli minhabba li r-rikorrent m'ghandux dokument. Meta tqies li l-appellant kien jaf x'tip ta' qliegh u spejjez kien qieghed jiddikjara matul is-snin (ara formoli tat-taxxa ghas-snin 1999, 2001, 2002, 2004) u d-depoziti li ghamel fil-kont bankarju matul is-sena 2000, il-qorti m'ghandhiex dubju li dak l-ezercizzju seta' jsir. Ovvjament ir-rikorrent ma kienx ser ikollu c-cifra ezatta izda approssimattiva. Imbaghad fid-dikjarazzjoni facilment seta' jaghti spjegazzjoni dwar l-ezercizzju li jkun ghamel. Madankollu r-rikorrent baqa' b'idejh mohbija ghaliex ma kellux spjegazzjoni kredibbli ghall-flus li ddepozita matul is-sena 2000 fil-kont bankarju. Flus li ma jikkontestax li gew min-negozju. Ladarba r-rikorrent ha din il-posizzjoni, l-intimat ma kellux triq ohra ghajr li jaghmel l-ezercizzju ta' *best of judgement* gialadarba r-rikorrent kien persuna taxxabbli (ara l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap. 372).

16. Mhuwiex minnu li l-incident ta' Jannar 2006 ma giex ikkunsidrat mit-Tribunal, tant li osserva li kien hemm mezzi ohra sabiex ir-rikorrent jaghti spjegazzjoni fir-rigward tal-flus li ddepozita fil-bank matul is-sena 2000.

17. Il-qorti zzid li fejn it-taxpayer ma jipprezenta il-formola tat-taxxa, hi l-ligi stess li taghti l-poter lill-intimat li jaghmel *best of judgment*. Kuntrarjament ghal dak li jsostni ir-rikorrent, l-intimat spjega kif wasal biex jaghmel stima ta' qliegh ta' Lm11,420 u taxxa ta' €4,884. Ghal dak li jirrigwarda l-profit margin ta' 60%, il-qorti ma tara xejn stramb. Biss biss irrizulta li fuq perjodu ta' sitt

snin, il-*profit margin* fuq il-qliegh li ddikjara l-appellant kien ta' 55%. Mhemm l-ebda prova li matul is-sena in ezami l-appellant kellu xi spejjez straordinarji (fol. 205), u minkejja dan fl-*assessment* li ghamel l-intimat naqqas is-somma ta' Lm7,476 bhala spejjez ghas-sena 2000. Li l-intimat zied is-somma ta' Lm2,000 bhala qliegh mhu lanqas barra minn loku meta tqies li probabbilment ir-rikorrent ma ddepozitax il-qliegh kollu fil-bank.

18. Ir-rikorrent argumenta li kien illogiku l-argument tat-Tribunal li l-intimat kien gustifikat jitlob id-dokumenti. Hu fatt li l-posizzjoni tar-rikorrent kienet sa mill-bidunett li m'ghandux dokumenti x'jipprezenta ghaliex inharqu f'nar li gara fid-dar tieghu. 'Il fatt li kien hemm tali incidenti, ma jfissirx li l-intimat ma kellux dritt li jitlob taghrif minghand ir-rikorrent dwar il-pronvenjenza tal-flus li ddepozita fil-bank matul is-sena 2000. Taghrif li mhemmx dubju li ma kienx sodisfacenti, u li kien jiggustifika li l-intimat jipprocedi bil-mod li ghamel.

19. It-tielet aggravju hu li t-Tribunal ghamel applikazzjoni hazina tal-ligi meta iddikjara illi, *"kemm-il darba kellu jordna r-revizjoni l-isfel tal-likwidazzjoni tat-taxxi mertu ta' dawn il-proceduri ikun qed jagixxi ultra petita"*. Fis-sentenza t-Tribunal qal:

> *"F'dan l-istadju t-Tribunal jixtieq jaghmel is-segwenti osservazzjoni. Mill-provi prodotti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni in sostenn tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontra r-Rikorrent ghas-sena ta' stima 2001, jirrizulta li l-istess Kummissarju hadem fuq net profit margin ta' 60%. Minn kalkoli u verifiki ulterjui li ghamel il-Kummissarju irrizulta li mir-returns tar-Rikorrent stess ghas-snin 1995 sa 2005, liema returns ma jidhirx li huma kontestati mill-Kummissarju, l-average net profit huwa ta' 55%. Ghal xi raguni pero', liema raguni baqghet ma gietx sodisfacentement spjegata minkejja x-xhieda ta' Elaine Bartolo, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ddecieda li ghal din is-sena ta' stima partikolari japplika net profit margin ta' 60% flok jibqa' fl-ambitu car tal-profit margin tar-rikorrent li kif ammess mill-istess Kummissarju kien ta' 55%".*

20. 'Il fatt li jghid li d-dokumenti nharqu fl-incendju ta' Jannar 2006 mhijiex gustifikazzjoni biex jipprezenta formola tat-taxxa ngassata meta hu stess jaf u jammetti li kellu qliegh min-negozju. Dan iktar u iktar meta jirrizulta li ghall-istess perjodu r-rikorrent ipprezenta l-formoli tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud.

21. Inoltre, fir-rikors promotur l-ilment tar-rikorrent kien li l-istima kienet nulla ghaliex beda jsostni li d-decizjoni tal-intimat ma kinitx motivata u li ma setax jiddefendi ruhu ghaliex ma kellux dokumenti tan-negozju peress li nharqu f'Jannar 2006. It-talba fir-rikors promotur kienet:

> *" it-Tribunal joghgbu jilqa' l-aggravji tieghu u jhassar u jirrevoka d-decizjoni tal-Kummissarju appellat tal-24 ta' Jannar 2011 in kwantu nulla u bla effett fil-ligi u konsegwentement ihassar u jirrevoka l-istima originali mahruga mill-Kummissarju appellat fil-konfront tal-appellant".*

22. Ladarba t-Tribunal cahad l-aggravji li r-rikorrent ta fir-rikors promotur, ma kienx hemm lok li jaghmel xi revizjoni tal-likwidazzjoni li ghamel l-intimat.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.